MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' April, 2010

Numru 176/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Jesmond Borg**
**vs**
**Joseph Debono**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoniijiet dedotti kontra Joseph Debono ta' 43 sena iben Francis u Emanuela nee' Grech mwieled Pieta' fil-5 ta' Settembru 1965 u residenti 4 Fquq San Nikola Married Quarters Bormla, ID 413065 (M).**

**Akkuzat talli fis-26 ta' Frar 2008 f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat li sar f'Malta jew xjentement b'kull mod iehor, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti.**

**U iktar talli sar ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, il-fedina penali tieghu, l-istqarrija maghmula lill-pulizija u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.**

**Rat li l-imputat a fol 37 tal-process ammetta l-unika imputazzjoni li hemm kontra tieghu minhabba li l-prosekuzzjoni rtirat it-tieni imputazzjoni dwar ir-ricediva u allura l-imputat kellu jirrispondi ghal imputazzjoni wahda biss.**

**Galdadarba l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni u l-ohra giet rtirata, il-provi dwar l-ewwel imputazzjoni gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 334 (a) tal-Kap 9 mibghut mill-Avukat Generali, ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrieh. Mhix qed tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni minhabba li din giet rtirata u stante li l-imputat ghamel ammissjoni bikrija f'dawn il-proceduri, flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin millum**

Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------